MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 47/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**Vs**

**Saviour Chircop**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Saviour Chircop detentur tal-karta tal-identita` numru 456576(M).

Akkuzat talli fl-Imsida, nhar is-7 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tas-18:30hrs u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:
1. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Victoria Briffa karta tal-identita' numru 410583(M) u xi persuni ohra, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba se tikkagunalhom biza';

2. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Victoria Briffa b'mod li kien jaf, jew imissu kien jaf li b'ghemilu kien ta fastidju lill-istess persuna/i msemmija.

3. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u/jew hedded lil Victoria Briffa bil-kliem.

4. akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

5. ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victoria Briffa.

Rat li l-parte civile Victoria Briffa ddikjarat li hija ma tixtieqx tiehu passi ulterjuri fil-konfront tal-imputat u li mhux ser tixhed kontrih.

Fuq nuqqas ta' provi qed tillibera lill-imputat Saviour Chircop mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------